8 ta' Jannar, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmela Schembri *versus* Avukat Dr. George Degaetano et. ne.

**Self — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Mara — Art. 1362 u 1366 (1) tal-Kap. 23.**

*Il-kreditu nasxenti minn self magħmul minn mara miżżewġa jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-azzjoni għall-inkass ta' dak il-kreditu tikkompeti biss lir-raġel bħala kap ta' dik il-komunjoni. Għalhekk il-mara ma tistax tipproponi l-azzjoni għall-inkass ta'*

*dak il-kreditu; u xejn ma jiswa li hija taġixxi bl-assistenza u l-awtorizzazzjoni tar-raġel tagħha; għax b'dik l-assistenza u b'dik l-awtorizzazzjoni r-raġel ma jsir qatt parti fil-kawża.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi, li biha, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti opportuni, talbet li l-konvenuti nomine jiġu kundannati jagħtu lura u jħallsu lill-attriċi s-somma ta' £22. 8. 0, dovuta in restituzzjoni ta' self magħmul "brevi manu" mill-attriċi lill-imsemmi Carmelo Debono. Bl-imgħax legali minn notifika ta' dana l-att, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine, li jibqgħu mħarrkin għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm id-domanda għandha bħala oġġett tagħha restituzzjoni ta' self, irriżulta li s-self kien biss ta' £19, u l-bqija, kwantu għal £1. 18. 0 prezz ta' flokkijiet, u kwantu għal £1. 10. 0 spejjeż ta' telegrammi magħmula mill-attriċi lill-ħabiba tal-konvenut;

Illi però, qabel ma jiġi investit il-meritu, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-azzjoni tikkompetix lill-attriċi jew lil żewġha. Irriżulta li l-attriċi għamlet l-operazzjonijiet u l-ispejjeż fuq imsemmija mingħajr ma qalet lil żewġha, li sar jaf bihom xi erbat ijiem wara. Għamlilha storbju u kien sejjer jinfired minnha. Iżda mbagħad huwa rratifika l-operat tagħha u awtorizzaha tagħmel din il-kawża;

Illi b'din ir-ratifika l-att ta' l-attriċi sar validu b'mod retroattiv, bħal kieku kien sar validament "ab initio" (Giorgi, Obbligazioni, Vol. VIII, para. 198); u għalhekk il-kreditu naxxenti minn dak l-att jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti, ladarba dak kollu li l-mara tippossjedi, jekk ma jiġix pruvat il-kuntrarju, hu preżunt li jidħol fl-akkwisti (art. 1366 (1) Kodiċi Ċivili); bil-konsegwenza li l-azzjoni għall-inkass ta' dak il-kreditu tikkompeti biss lir-raġel ta' l-attriċi bħala kap ta' dik il-komunjoni (art. 1362 Kodiċi Ċivili), li ma ġietx eskluża mill-partijiet miżżewġin Schembri fl-okkażjoni tażżwieġ tagħhom ċelebrat f'dawn il-Gżejjer (art. 1360 (1) Kodiċi Ċivili);

Illi xejn ma jiswa li l-attriċi tinsab awtorizzata u assis-

tita minn żewġha; għaliex dana, in forza ta' din l-awtorizzazzjoni u assistenza, ma sar qatt parti fil-kawża (ara każi analogi riportati fil-Kollezzjoni, Vol. XXVII—I—121 u XXX —I—969);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara li l-azzjoni odjerna ma tikkompetix lill-attriċi;

U konsegwentement tillibera lill-konvenuti nomine mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attriċi.